Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

**Nru. 455** **NOVEMBRU 2014**

JUM IL-QDUSIJA UNIVERSALI – Is-Sibt 1 TA' NOVEMBRU 2014

## MOTTO: L-ISTORJA TAL-BNIEDEM HIJA L-ISTORJA TA' ALLA.

Jum il-Qdusija Universali jiġi ċċelebrat ta' kull sena mill-Moviment "Pro Sanctitate".

Fl-ewwel ta' Novembru, jum il-Qaddisin Kollha, jinżamm Jum il-Qduisja Universali. Dan ilu jinżamm sa mill-1957 u beda ġewwa Ruma minn Mons Guglielmo Giaquinta, fundatur tal-Moviment Pro Sanctitate.

## It-Tema : L-ISTORJA TAL-BNIEDEM HIJA L-ISTORJA TA' ALLA.

Aħna lkoll imsejħin biex niktbu l-istorja tagħna ma' Alla.
Il-Moviment Pro Sanctitate ilu mill-1957 jorganizza l-Ġurnata għall-Qdusija Universali, kif kien riedha Mons Guglielmo Giaquinta. Fundatur ta' dan il-Moviment. Is-suġġett tas-sena : **'L-istorja tal-bniedem hija l-istorja ta' Alla**, juri biċ-ċar li dawk kollha li għaqqdu l-ħajja tagħhom ma' t'Alla għamlu iktar prezjuża l-hajja tal-bnedmin.
Il-qaddisin ta' kull żmien u ta' kull post kienu dejjem bħala risposta konkreta għall-ħtiġijiet l-iktar profondi u urġenti tan-nies ta' żmienhom. Għarfu jagħmlu xi ħaġa iktar u jintefgħu lejn orizzonti ġodda. Tbaxxew lejn il-feriti materjali u spiritwali tal-umanita' biex ifejquhom. Permezz ta' idejjhom Alla stess tbaxxa lejn id-dinja u indaħal b'mod qawwi u kontiwu. M'hemmx storja ta' qdusija li ma titkellemx fuq Alla. Kollha kemm aħna, aħna msejħin biex niktbu l-istorja tagħna ma Alla u nibnu flimkien dinja ta' qaddisin u ta' aħwa.
Il-qaddisin min huma u minfejn ġejjin? Jidher li r-risposta tagħtiha ċ-ċelebrazjoni ta' Jum il-Qdusija, (kif insibu fl-ewwel qari tal-liturġija tal-kelma.) Din mhix ċelebrazzjoni ta' dak il qaddis jew l-ieħor, u lanqas ta' dawk li m'għandhomx post fil-kalendarji, imma hija l-festa ta' ferh tal-Knisja kollha li tiċċelebra f'festa waħda il-merti u l-glorja tal-qaddisin kollha. Kull wieħed mill-qaddisin għandu storja personali ta' intimita' mal-Ħaruf, u kull wieħed minnhom mhux biss fittex il-wiċċ tal-Mulej imma wkoll għamel minn kollox biex dan il-wicc jagħmlu preżenti fid-dinja.
Għalhekk il-qdusija issir, kif jgħid il ***Novo Millennio Ineunte,*** "il-qies għoli tal-ħajja nisranija ordinarja".

## VIŻTA PASTORALI

Mons. Isqof Mario Grech ser ikompli il-Viżta Pastorali fid-Djoċesi fil-Parroċċa tax-Xagħra tibda l-Hadd 16 ta' Novembru 2014

## ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TA' KRISTU RE

**Tfal tad-Duttrina (Yr4-5)**: **Il-Ġimgħa 21 ta' Novembru** (Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika – 4.30pm)
**Ċelebrazzjoni Djoċesana**: **Il-Ħadd 23 ta' Novembru** fl-4.30pm (Quddiem is-Seminarju). Fl-.4.15pm jitlaq korteo minn Pjazza Santu Wistin għal quddiem is-Seminarju, fejn issir ċelebrazzjoni tal-Kelma, Talb u Barka Sagramentali.

## JUM IL-KARITÀ FID-DJOĊESI

FIL-FESTA TA' KRISTU SULTAN FIL-KNEJJES KOLLHA SSIR IL-ĠABRA TAL-KARITÀ.
Inkunu ġenerużi mal-opri ta' karità li tmexxi l-Knisja f'Għawdex u f'Malta.

## ANNIVERSARJU TAL-ĦATRA TAL-ISQOF

L-ERBGĦA s-26 ta' Novembru 2014 jaħbat id-Disgħa anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech.
Nitolbu għalih.

## IMĦABBA TA' VERU –KJARA U FRANĠISKU – IL-MUSICAL

**(Oratorju Don Bosco)**

L-Oratorju Don Bosco se jtella' spettaklu *live* ta' mużika, kant u żfin dwar Kjara u Franġisku t'Assisi addatat għal żmienna. F'dan ix-xogħol oriġinali qed jieħu sehem *cast* ta' aktar minn 100 persuna. Il-Musical huwa addattat għall-familja kollha. Il-booking huwa miftuħ kuljum mill-5.00pm 'il quddiem mill-Oratorju stess jew permezz tat-telefon (2155661 /99487751). Is-Sibt 8 ta' Novembru fis-7.30p.m. Il-Ħadd, 16 ta' Novembru fis-2.30p.m.

| | |
|---|---|
| 1.Is-Sibt | Solennità tal-Qaddisin kollha. sena A. Jum il-Qdusija Universali.<br>Bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, min b'devozzjoni jżur iċ-ċimiterju jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Tintrebaħ dik parzjali jekk iż-żjara ssir fil-ġranet l-oħra.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' Ħamet - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **2.Il-Ħadd** | **Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin kollha.** Għid tal-Imwiet / Films għall-Familja (Oratorju – 5.30pm). |
| 3.It-Tnejn | San Martin de Porres. Reliġjuż. (Tifkira). |
| 4. It-Tlieta | San Karl Borromeo Isqof. Tifkira (O) / Il-148 Anniversarju mit-Twaqqif tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù.<br>Preparazzjoni MixjaTħejjija għaż-Żwieġ 2 (KDF San Ġorġ u Katidral - 6.30pm). |
| 5.L-Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 6.Il-Ħamis | Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet (Seminarju: 7.00am-10.00pm) .<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr. 4 (LV) / Preparazzjoni MTŻ 2 (KDF - 6.15pm).<br>Grupp ta' Talb Dun Mikiel Attard (Adorazzjoni: Kappella tas-Seminarju - 7.00-8.00p.m.). |
| 7.Il-Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għall-Persuni Separati Istitut tal-Familja, Victoria (KDF - 7.45pm).<br>Adorazzjoni għall-koppji għarajjes u miżżewġin (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II – 8.30-9.30pm).<br>Quddiesa għall-professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.00p.m.). Qabel ikun hemm il-qrar. |
| 8.Is- Sibt | Ċenaklu (Dar Ċentrali tal-AK - 4.30pm – 6.30p.m.<br>Musical "Imħabba ta' Veru - Kjara u Franġisku" (Oratorju Don Bosco - 7.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' San Franġisk, Victoria - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **9. Il-Ħadd** | Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran. Festa. Sena A / Films għall-Familja (Oratorju - 5.30pm). |
| 10.It-Tnejn | San Ljun il-Kbir, Papa u duttur tal-Knisja (Tifkira O.) |
| 11.It-Tlieta | San Martin ta' Tours, Isqof. Tifkira (O).AKSK (Laura Vicuna)/ Preparazzjoni Mixja Familji Flimkien 4 (6.30p.m.). |
| 12.L-Erbgħa | San Ġosofat, Isqof u Martri. Tifkira (0).<br>Laqgħa KDF 7.00p.m. / Preparazzjoni MFF 3 (KDF - 8.30pm). |
| 13.Il-Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema Yr. 5 (LV). / MTŻ (Malta) fis-7.15pm. |
| 14.Il-Ġimgħa | Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri mejtin tas-Solidalità ta' San Filippu Neri (Katidral - 6.00pm).<br>Laqgħa għal Persuni Separati (KDF - 8.00pm - Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawl II, Victoria). |
| 15. Is-Sibt | San Albertu l-Kbir, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Parroċċa Xewkija - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **16. Il-Ħadd** | **It-33 Ħadd tas-sena. Sena A.**<br>Jum Dinji ta' Tifkira tal-Vittmi tat-Traffiku (ĠM) / Tiftaħ il-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tax-Xagħra.<br>Musical "Imħabba ta' Veru - Kjara u Franġisku" (Oratorju Don Bosco - 2.30pm).<br>Laqgħa għall-familjarji tal-Kleru fis-Seminarju fil-4.00p.m. |
| **16-21** | Irtir tas-saċerdoti (Dar Manresa, Victoria) |
| 17. It-Tnejn | Santa Eliżabetta tal-Ungerija.Tifkira (O). |
| 18. It-Tlieta | Id-Dedikazzjoni tal-Bażilki ta' San Pietru u San Pawl appostli. Tifkira. |
| 20. Il-Ħamis | Jum Universali tat-Tfal (ĠM) / Laqgħa għall-Għalliema Yr. 6 (LV). |
| 21. Il-Ġimgħa | Il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira (O). / Jum il-Klawstrali.<br>Attività għat-Tfal tad-Duttrina (Years 4-5) fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re (Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika - 4.30pm) |
| 22. Is-Sibt | Santa Ċeċilja Verġni Martri. Tifkira (O).<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Fontana li tibda fis-6.00pm sat-8.00p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Tan-Nazzarenu- Xagħra - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **23. Il-Ħadd** | **Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu. Sena A.**<br>Jum il-Karità. Ġabra Djoċesana fil-Knejjes.<br>Ċelebrazzjoni djoċesana ta' Kristu Re (4.15pm: Korteo minn Pjazza Santu Wistin; 4.30pm: Ċelebrazzjoni fi Triq Enrico Mizzi, quddiem is-Seminarju). |
| 24. It-Tnejn | Kunsill Pastorali (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 7.30pm). |
| 26. L-Erbgħa | Id-9 Anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech bħala Isqof t'Għawdex / KKSK (LV). |
| 27. Il-Ħamis | Jum radd il-Ħajr għall-ġid tal-Ħolqien / MTŻ Malta fis-7.15pm. |
| 28. Il-Ġimgħa | Laqgħa għall-Persuni f'relazzjoni barra ż-żwieġ (KDF - 8.00pm) fl-Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawlu II. |
| 29. Is-Sibt | Nofstanhar ta' spiritwalità għas-saċerdoti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.30am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **30. Il-Ħadd** | L-Ewwel Ħadd tal-Avvent. |